**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Id-disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 01/2024

02 ta' Lulju 2024

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, It-Tlieta 2 ta' Lulju 2024 fil-5:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Marco Agius - Sindku
Noya Spiteri Hammett - Viċi Sindku
Martin Vella - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera
Glauber Spiteri - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Graziella Gellel – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 01.1 Ħatra tas-Sindku u l-Viċi Sindku

Il-Kumissarju tal-Ġustizzja Dr. Noel Bezzina ħatar lis-Sindku is-Sur Marco Emmanuel Agius u lil-Viċi Sindku is-Sa. Noya Spiteri Hammett wara li qraw u ħalfu solennement illi jaqdu fedelment u konxjenzjożament id-dmirijiet bħala Sindku u Viċi Sindku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Kunsilli Lokali u l-Kostituzzjoni ta' Malta.

### 01.2 Responsabiltajiet tad-dekasteri lil kunsilliera

Is-Sindku is-Sur Marco Agius qassam id-dekasteri lil Viċi Sindku u l-kunsilliera:

Is-Sindku is-Sur Marco Emmanuel Agius:

Ambjent, Infrastruttura u Progetti, Kultura, Jum Bormla, E.U.affairs, Ħarsien ta' l-Annimali, Ordni Pubblika u Soċjali.

Viċi Sindku s-Sa. Noyah Spiteri Hammett :
Edukazzjoni, komunikazzjoni kummercjali, Riċerka u Innovazzjoni u Saħħa.

Kunsillier is-Sur Martin Vella :

Indafa, Sports u attivitajiet fiżiċi u Immaniġjar tat traffiku.

Kunsilliera is-Sa Rita Gatt :

Anzjani, Anzjanita attiva' u Persuni b' diżabilta.

Kunsillier is-Sur Glauber Spiteri :

Tfal, Żgħażagħ u Attivitajiet

Is-segretarju eżekuttiv qasmet il-formola lil kunsilliera preżenti sabiex jimlew id-dettalji personali tagħhom biex jintbgħatu lid-dipartiment. Wara li kullħadd iffirma l-formola ta-dettalji personali, is-Sindku u l-Viċi Sindku iffirmaw l-aċċettazjoni tal-Kariga.

**01.3 Aġġornament tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fis-6:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 11 ta' Lulju 2024 fl-4:30p.m

Konfermati, illum 11 ta' Lulju, 2024

| | |
|---|---|
| *IFFIRMATA* | *IFFIRMATA* |
| _______________ | _______________ |
| **Marco Agius** | **Graziella Gellel** |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |